MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## NATASHA GALEA SCIBERRAS

Seduta ta' l-24 ta' Frar, 2014

Numru. 567/2013

**Il-Pulizija**

**(Spettur Roderick Agius)**

**vs**

**Nicholas Agius**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat Nicholas Agius, iben John u Victoria nee` Sammut, imwieled fl-14 ta’ Lulju 1976 u joqghod Blokk G-1, Triq it-Trincetta, Mosta, detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 355176M

Akkuzat talli f’dawn il-Gzejjer nhar it-23 ta’ Marzu 2013 ghall-habta tan-12.30 hrs gewwa Hal Qormi:

a) Kellu fil-pussess tieghu d-droga herojina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap. 101 tal-Ligijiet ta’ Malta meta ma kienx fil-pussess ta’ awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort’ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b’xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta’ Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas milli jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-Regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-Regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/39) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap. 101 tal-Ligijiet ta’ Malta, liema droga instabet f’tali cirkustanzi li juru li kienet ghall-uzu esklussiv tieghu;

b) Ukoll talli fl-istess hin, lok u cirkostanzi, bl-imgieba tieghu ikkaguna lil Keith Attard, biza’ li ser tintuza’ vjolenza kontrih jew kontra l-proprjeta` tieghu;

c) Fl-istess hin, lok u cirkostanzi, kellu fil-pussess u/jew taht il-kontroll tieghu arma regolari (mus), kif ukoll zamm u garr l-istess arma minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija;

d) Fl-istess hin, lok u cirkostanzi kkommetta reat waqt li kien taht Ordni ta’ *Probation*, liema sentenza inghatat mill-Qorti tal-Magistrati presjeduta mill-Magistrat Dr. A. Vella LL.D. nhar l-20 ta’ Jannar 2011, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula ai termini tal-Artikolu 7 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta;

e) Talli fl-istess dati, hin u cirkostanzi rrenda ruhu recidiv ai termini tal-Artikoli 49, 50 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, wara li gie misjub hati

> permezz ta’ diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta’ Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Il-Qorti giet mitluba wkoll sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-Ligi, tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x’jaqsmu mal-hatra tal-esperti skond l-Artikolu 533(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti, inkluz l-ordni ta’ l-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu (2) ta’ l-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101), sabiex din il-kawza tinstema’ minn din il-Qorti bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali;

Rat illi fis-seduta tat-22 ta’ Jannar 2014, l-Ufficjal Prosekutur irtira t-tieni u r-raba’ imputazzjonijiet;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fl-istess seduta, liema ammissjoni giet ikkonfermata mill-istess imputat wara li l-Qorti a tenur tal-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, avzatu bil-konsegwenzi legali ta’ dik l-ammissjoni u kkoncedietlu zmien bizzejjed biex jerga’ jikkonsidra t-twegiba u jerga’ lura minnha;

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

**Ikkunsidrat:**

Illi fid-dawl tal-ammisjoni maghmula mill-imputat, il-Qorti ma tistax hlief issib lill-istess imputat hati tal-ewwel, it-tielet u l-hames imputazzjonijiet kif migjuba fil-konfront tieghu.

Illi dwar il-piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija tal-imputat f'dawn il-proceduri. Il-Qorti qieset ukoll, min-naha l-ohra, il-fedina penali tal-imputat, mil-liema jirrizulta *inter alia* illi l-imputat inghata sentenza ta' prigunerija sospiza u tqieghed taht Ordni ta' Supervizjoni ai termini tal-Artikolu 28G tal-Kap. 9 ghal perjodu ta' erba' snin fit-12 ta' Novembru 2003, inghata liberazzjoni kundizzjonata fl-4 ta' Novembru 2005 u Ordni ta' *Probation* ghal zmien tliet snin fl-20 ta' Jannar 2011. In oltre, mit-trattazzjoni dwar il-piena, irrizulta illi l-imputat qieghed fil-prezent jiskonta xi piena karcerarja u ghaldaqstant, jidher illi ma gharafx jiehu l-opportunitajiet li huwa nghata minn dawn il-Qrati sabiex jirrijabilita ruhu.

Madankollu, tenut kont ukoll tal-ammont tad-droga misjuba, li jidher illi kien wiehed minimu, il-Qorti tqis illi piena ta' multa tkun idonea fic-cirkostanzi.

Ghal fini ta' piena, il-Qorti qeghda tapplika d-disposizzjonijiet tal-Artikolu 17(f) tal-Kap. 9 fir-rigward tal-ewwel u t-tielet imputazzjonijiet.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat it-Taqsimiet IV u VI, l-Artikoli 22(1)(a) u 22(2)(b)(ii) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, ir-Regolament 9 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 101.02, l-Artikoli 17(f), 49 u 50 tal-Kap. 9 u l-Artikoli 6 u 51(7) tal-Kap. 480 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni, issib lill-imputat hati tal-ewwel, it-tielet u l-hames imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u tikkundannah ghal piena ta' multa ta' seba' mitt Euro (€700) li, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tista' tithallas b'rati mensili u konsekuttivi ta'

hamsa u ghoxrin Euro (€25), bl-ewwel pagament isir mhux aktar tard minn xahar mid-data ta' din is-sentenza. Pero` jekk il-hati jonqos li jhallas pagament wiehed, il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta' gurnata habs ghal kull hamsa u tletin Euro (€35) jew parti minnhom dovuti.

Stante illi dawn gew irtirati mill-Prosekuzzjoni, il-Qorti qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni u tar-raba' imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat.

Il-Qorti tordna d-distruzzjoni tad-droga u l-oggetti konnessi mad-droga esebiti bhala Dokument RA3, hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat, u dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi *proces-verbal* li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta' din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

Il-Qorti tordna wkoll il-konfiska tal-mus esebit bhala Dok. RA4 ai termini tal-Artikolu 56 tal-Kapitolu 480 u tal-Artikolu 23 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Stante li ma nhatru l-ebda esperti f'dawn il-proceduri, il-Qorti qed tastejni milli tiehu konjizzjoni tat-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex tordna lill-hati ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skond l-Artikolu 533(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------